MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 58/2009

**A B personalment u bhala kuratrici ad litem tal-minuri C D B bid-digriet tas-16 ta’ Marzu 2009**

**-vs-**

**Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Veronica Rossignaud b’digriet moghti mill-Qorti fis-16 ta’ Dicembru 2008 gew nominati u kkonfermati bid-digriet tat-2 ta’ April 2009 kuraturi deputati tal-assenti;**
**E F D; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B personalment u bhala kuratrici ad litem tal-minuri C D B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi fil-21 ta' Novembru 2008 twieled tifel C D B skond certifikat tat-twelid (anness u mmarkat bhala Dok. A);

Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat illi l-missier tat-tarbija huwa l-intimat E F D, fil-fatt il-minuri gie koncepit f'kors ta' relazzjoni li r-rikorrenti kellha ma' haddiehor;

Illi l-paternita' tal-minuri C tista' tigi stabbilita permezz ta' testijiet genetici apposta.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddeciedi u tiddikjara l-intimat E F D m'huwiex il-missier naturali tal-minuri C li twieled fil-21 ta' Novembru 2008;

Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri C D B (Att. Nru. 4195 tal-2008) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier tal-minuri tikkancella l-partikolaritajiet kollha tal-intimat billi tikkancella l-isem 'E F D' kif ukoll il-partikolaritajiet kollha tieghu relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta', ghall-post tat-twelid u residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, u id-dettalji kollha in kwantu jirreferu ghall-istess intimat;

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra lill-minuri bil-kunjom 'B'.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' April 2009 li permezz tieghu gew nominati Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bhala kuraturi ghall-assenti E F D.

Rat ir-risposta mahlufa tal-istess kuraturi fejn dawn wiegbu:

Illi, f'dan l-istadju, l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rapprezentat. F'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti sabiex tipprovdilhom kull indirizz u/jew numru tat-telephone tal-assenti sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw mieghu.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament fil-mertu, l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti fl-azzjoni odjerna fejn qed issir kawza ghan-nom tal-minuri ukoll u fejn qed titlob li jinbidel l-istat ta' legittimita' tal-minuri ghal wiehed ta' illegittimita', ma tistax titlob li l-missier tal-minuri jigi dikjarat bhala "*mhux maghruf*" jekk ic-cirkostanzi tal-kaz jirriflettu mod iehor stante li (i) ir-rikorrenti ma tistax tiddikjara taht gurament li l-missier tal-minuri huwa "*mhux maghruf*", jekk fir-realta' dan huwa maghruf u (ii) certament mhux fl-ahjar interess tal-minuri li jigi dikjarat bhala iben missier "*mhux maghruf*", jekk effettivament dan huwa maghruf, specjalment meta l-missier tal-minuri ma intavolax proceduri ta' *denegata paternita'*.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, jehtieg li r-rikorrenti tipprova l-impossibilita' fizika bejn il-konjugi u cioe' bejn l-intimat E F D u r-rikorrent stess.

Illi minghajr pregudizzju ukoll, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jitlaqghu, il-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett skond dak li se jirrizulta mill-proceduri odjerni. Inoltre, il-kliem '*the said*' ghandhom jigu kancellati minn taht id-dettalji tal-omm jekk jintlaqghu t-talbiet.

Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz, it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m'huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti.

Tant ghandu x'jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Permezz ta' din il-kawza, A B qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara illi l-missier naturF ta' binha C m'huwiex zewgha E F D kif imnizzel fic-certifikat tat-twelid tat-tifel, pero' huwa G H.

Jirrizulta mill-provi prodotti mir-rikorrenti illi dak li ssostni r-rikorrenti huwa minnu. Dan huwa partikolarment stabbilit bla dubju mir-rizultanzi tal-ezamijiet xjentifici esegwiti fuq id-DNA tal-minuri u ta' G H. Ghalhekk, il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata u ghandha tigi milqugha.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' l-ewwel talba ta' A B u tiddikjara li l-minuri C li twieled fil-21 ta' Novembru 2008 m'huwiex wild E F D;

Tilqa' t-tieni talba fis-sens illi tordna illi mill-Att tat-Twelid Nru. 4195 tas-sena 2008, mill-kolonna bid-dettalji tal-missier ghandhom jithassru l-konnotati ta' E F D u jitnizzlu minflok il-konnotati ta' G Mark H, Nru. tal-Karta tal-Identita' 242168(M), tal-eta' ta' erbghin sena, imwieled San Giljan, Malta, residenti Swieqi, iben I, haj. Kunjom it-tarbija ghandu jkun H B. Mill-kolonna bid-dettalji dwar l-omm ghandhom jithassru l-kliem '*the said*'.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn A B.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------